Minuti tal-ħames (05/7) laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali Il-Gudja li ġiet msejjħa b'urġenza fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Il-Gudja nhar it-Tnejn 20 ta' Mejju 2013 fis-6.00p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku: | Is-Sur John-Mary Calleja |
| | Viċi Sindku: | Is-Sur Romeo Baldacchino |
| | Kunsillieri: | Is-Sur Mark Anthony Sammut |
| | Segretarju Eżekuttiv: | Is-Sur Joseph M. Formosa |
| Skużati: | Kunsillieri: | Is-Sinjorina Demelsa Grech |
| | | Is-Sur Stefan Caruana |

Aġenda:-

1. Aġudikazzjoni ta' Tender:-
   b. Tender02/2013 – Xogħol ta' pavimentar

2. Aġġornament

***Ftuħ tal-laqgħa***

Il-laqgħa bdiet fis-6.05p.m. wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri kollha preżenti.

Is-Segretarju informa lill-Kunsill illi kien irċieva żewġ emails mingħand il-Kunsilliera D. Grech u l-Kunsillier S. Caruana rispettivament fejn avżaw li ma setgħux jattendu għal din il-laqgħa. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom jiġu konsidrati bħala skużati milli jattendu għal laqgħa.

**1.0 *Aġudikazzjoni ta' Tender:-***
***b. Tender02/2013 – Xogħol ta' pavimentar***

1.1 Mal-ftuħ tal-laqgħa s-Sindku fakkar illi f'laqgħa preċedenti l-Kunsill kien ħa konjuzjoni u ddiskuta dwar l-aktar offerta vantaġġuża għall-Kunsill.

Is-Sindku fakkar illi kien sar qbil li tinkiseb aktar informazzjoni dwar l-offerta ta' Denfar Concrete Supplies Ltd speċjalment dwar il-ħaddiema disponibbli li huma mpjegati mad-Denfar Concrete Supplies Ltd u li jkunu jistgħu jagħmlu x-xogħol kif meħtieġ mill-Kunsill.

Is-Sindku qal ukoll illi kien hemm qbil li ż-żewġ kuntratturi offerenti li kellhom offerta li fl-ammont kienet tidher vantaġġuża, fil-fatt, fil-fehma tal-Kunsill, dawn iż-żewġ kuntratturi ma setgħux iwettqu x-xogħol meħtieġ.

Għalhekk il-Kunsillieri kollha kienu qed jaqblu li fiċ-ċirkustanzi l-aħjar offerta hija dik ta' Denfar Concrete Supplies Ltd.

1.2 Saret diskussjoni u sar qbil li l-aħjar offerta hija dik ta' Denfar Concrete Supplies Ltd u għalhekk il-Kunsill għandu jaċċetta din l-offerta bħala l-aħjar offerta fejn ix-xogħol jista' issir fl-aħjar interess tal-Kunsill u tar-residenti kollha tal-Gudja.

Il-Kunsill qabel li f'dan ir-rigward il-Kunsill għandu jinforma lill-Denfar Concrete Supplies Ltd sabiex iġib il-garanzija bankarja meħtieġa u li l-kuntratt jiġi iffirmat mill-aktar fis possibli u b'hekk jingħata bidu għax-xogħol kif ikun meħtieġ taħt is-superviżjoni u d-direzzjoni tal-Perit tal-Kunsill William Lewis peress li dan ix-xogħol kien diġa maħdum u ippreparat mill-istess Perit qabel ma' skada t-terminu tal-Kuntratt mal-Kunsill Lokali Il-Gudja.

Il-Kunsill qabel li l-Perit W. Lewis jiġi konsultat mill-bidu u waqt it-twettieq ta' dan il-proġett. Għandu jiġi assigurat li x-xogħol issir skond kif titlob s-sengħa u l-arti, u jitlesta sewwa u fl-aqsar żmien mingħajr tbagħtija żejda sew għal Kunsill kif ukoll għar-residenti u nies oħra li jiffrekwentaw dawn l-inħawi.

1.3 Rapport dwar dawn ix-xogħlijiet għandhom jiġu sottomessi mill-Perit għand il-Kunsill minn żmien għal żmien sabiex b'hekk ikun hemm monitoring xieraq fl-aħjar interess ta' kull min huwa ikkonċernat. Għal kull xogħol li jingħata għandu toħroġ works order lit kun iffirmata mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

1.4 Is-Sindku irrimarka li fit-twettieq ta' dan ix-xogħol feġġet problema dwar drenaġġ mifquh li għalkemm parti minnu ġiet imsewwija proviżorjament xorta waħda hemm partijiet oħra mkissra u hemm possibilita li drenaġġ ilu ħiereġ għal bosta snin u qed jiskula fil-blat u fix-xelters li hemm fl-inħawi.

1.5 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien qed jagħmel ħiltu kollha sabiex din il-problema tiġi riżolta malajr kemm jista jkun saħansitra kiteb u kellem diversi uffiċjali inkarigati u anke kiteb direttament lill-Ministru ikkonċernat dwar il-qagħda preżenti.

1.6 Il-Kunsill qabel li x-xogħol fuq il-pavimentar u r-resurfacing ta' Triq il-Kbira għandu jibda immedjatament wara li tiġi solvuta l-problema tad-drenaġġ.

1.7 Saret diskussjoni dwar xogħol mibdi mill-ex kuntrattur u li fil-fehma tal-Perit ma kienx qed issir sewwa. Is-Sindku qal li kien huwa stess li ġibed l-attenzjoni tal-ex kuntrattaur dwar dan u li l-Perit tal-Kunsill kien ta' żmien lill ex-kuntrattur sabiex jirrimedja u jirranġa x-xogħol kif kien meħtieġ.

1.8 Il-Kunsill qabel illi fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill ikompli jiddiksuti l-progress dwar ix-xogħol tad-drenaġġ ġewwa din it-triq u dwar jekk għandux jinqala kompletament ix-xogħol tal-bankini kif kien diġa mibdi mill-ex kuntrattur.

## 2. ***Aġġornament***

2.1 Peress li l-materja li għalija ġiet imsejħa l-laqgħa urġenti ġiet eżawrita, s-Sindku aġġorna din il-laqgħa fis-6.45p.m. sine die.

Joseph M. Formosa
Segretarju Eżekuttiv
Approvati:-

John-Mary Calleja
Sindku